# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**MARZU 1935]** **IL-ĦAMES SENA** **[Għadd 49**

## INĦOLLU L-JASAR TAL-KITBA

Aktar minn tfixkil wieħed jiltaqa' miegħu l-kittieb tal-Qorti li jrid il-lum jikteb bil Malti dak li sal-bieraħ kien jinkiteb bit-taljan, u mhux dejjem jaf jeħles minn dan it-tfixkil. Minn zewġ għejun l-aktar li ġej it-tfixkil. L-ewwel għajn hi l-lsien il-Malti n-nifsu li għad ma għandux fih il-ħeffa li tista' ddawwru u tħaddmu kif trid. Il-ħajja tal-Malti, bħala lsien il-kitba, għadha ħajja qasira, ftit iżjed minn mitt sena, u f'dawn il-mitt sena l-Malti qatt ma seta' jidħol fejn jidħlu nies it-tagħlim. Għalhekk jekk il-Malti għandu l-qawwa tal-ħajja ħedmija, ma għandux il-qawwa tal-ħajja għilmija. It-tieni għajn hi d-drawwa qadima ta' nies il-Qorti jiktbu u jaqraw dejjem kitba taljana, kitba ta' għamla waħda, li, bħala wirt għażiż, tgħaddi minn nisel għal nisel, bla ma titbiddel qatt nikta minnha. U l-moħħ jidra, u l-ħsieb jieħu s-sura li jagħtih il-moħħ.

Ma' dan it-tfixkil inżidu l-fehma tal-kittieba li jaħsbu li l-kitba Maltija, tista' jew ma tistâx, għandu jkollha l-għamla tal-kitba taljana, kelma b'kelma. Bosta drabi jħoss il-kittieb lilu n-nifsu mxikkel, ma jistâx jimxi, iżda ma għandux ħila jħoll ix-xkiel, billi jagħti għamla oħra, għamla aktar Maltija, lill-kitba tiegħu. Minn dan jiġri li l-Malti fil-kitba tal-liġi jsir bħal libsa rqiqa li tistor ftit u tħalli mikxuf ħafna mis-sura l-qadima ta' dik il-kitba.

Infissru aħjar x'irridu ngħidu. Ilu ftit ġiet f'idejna din il-ktiba mill-Qorti :

........ *in risposta għal-ittra ufficiali ta... ta dan ix-xahar, javzak illi hua ma jaccettax l'aument tal-chera tal fond....*

*Il mittent jinterpellak biex tgħamel l'ispejjes tar-riparazioni skond il pattijet tal locazioni u biex t'ispurga l'ilma mil bir għaliex jinten.*

Kitba bħal din, u mijiet oħra ta' qatgħa waħda bħalha, li ma tafx b'liema lsien hi miktuba, tagħmel għajb lit-taljan, għajb lill Qorti u għajb lill-Malti. Dan it-tjassir ta' kitba jidhrilna li għandu jinħall. Il-kittieb għandu jqis biss dak li jrid jikteb u l-lsien li bih irid jikteb. Għandu jqis l-ewwel nett li jfisser ħsiebu tajjeb, li jista' jiftiehem bla tfixkil; it-tieni jqis li jfissru kemm jista' jkun kif jitlob il lsien Malti, li għandu liġijiet għalih in-nifsu, bħalma għandu kull ilsien ieħor. Nerġgħu nħarsu lejn il-ktiba li ġibna fuq. Kieku flok : *tagħmel l-ispejjes tar-riparazjoni*, il-kittieb qal : *tagħmel u tħallas it-tiswijiet*, ma kienx ikun eħfef, isbaħ u aħjar? U jekk ma sabx kelma Maltija biex ifisser il-kelma taljana : *mittente*, ma setâx, flok ma jibqa' mjassar ma' din il-kelma, jeħles minnha, iħalliha barra għal kollox u jgħid : *javżak... u jinterpellak?* U kieku flok : *in risposta* kiteb : *iwieġbek u jgħarrfek*, ma kienx ikun bil-wisq aħjar? Bħalma għidna fuq, il-Malti għad ma għandux il-ħeffa li tista' tħaddmu kif trid int, u għalhekk il-kittieb tal-Qorti għalkemm jista' jkollu fehma u rieda tajba, għalkemm jista' jkun imħarreġ fil-kitba, ma jistâx għalissa jeħles mit-tfixkil kollu. Imma, jekk irid, ħafna tfixkil jista' jeħles minnu, billi jaqta' r-rbit li jżommu mjassar ma' kitba barranija. U aktar jonqos it-tfixkil, aktar ma jitħaddem b'kull għamla ta' kitba l-lsien Malti.

Nafu li dħalna f'dar ħaddieħor fejn ma għandniex jedd nâmru. Imma nkunu nonqsu lejn dmirna jekk ma nitkellmux u ma nurux fehmitna, bħal ma dejjem għamilna f'kull ma jmiss il-Malti.